# TAZZI BIŻ-ŻEJT FIL-FESTA

*minn Mons Lawrenz Sciberras*

Il-jiem tal-festa li tiġi ċċelebrata ta' kull sena fl-ibliet u l-irħula tagħna, huma jiem ta' stennija kbira. Illum qiegħdin ngħixu fi żmien ta' progress l-aktar kbir; madankollu xorta waħda n-nies tilqa' jiem il-festa bi grad għoli ta' entużjażmu.

Meta wieħed imur jara xi festa, dan jibqa' mistgħaġeb bil-ħafna pavaljuni tad-dawl imdendlin matul it-toroq, biex dawn meta jinxtgħelu idawwluhom u hekk joħolqu ambjent ta' festa. Bozoz ta' ilwien differenti; u li jifformaw bosta disinni ġeometriċi tassew li jsaħħruk. Dawn il-bozoz jista' jonfoħ ir-riħ għaliex ma jintfewx. Mhux hekk pero' kien jiġri sa ftit snin ilu, meta l-uniku dawl fil-festi tagħna kienu t-tazzi biż-żejt. Fuq dan is-suġġett nixtieq inwessa dan il-ħsieb tiegħi. Qiegħed ukoll inġib ritratt tal-faċċata tal-Knisja taghna armata bit-tazzi taż-żejt. Hawn sewwa li nżid ngħid li l-mixgħela b'dawk it-tazzi kuluriti kollha kienet issir darba biss, lejlet il-festa, dak inhar tal-ġiġġifogu. Għalhekk dik l-istennija kienet xi ħaġa li mhux faċli tiddeskriviha fuq il-karti.



***Deskrizzjoni.***

Dawn it-tazzi dejjem kuluriti wħud minnhom kienu jkunu ftit tawwalin u oħrajn wesgħin. Kien ikollhom ix-xoffa milwija kemmxejn 'l barra, biex imbagħad jiġu marbutin bil-fildiferru b'ħolqa mal-ġenb. Kienu jiġu mdendlin mal-ganċijiet jew ma' l-imsiemer fil-ħitan. Hawn sewwa li nżid ngħid, li barra l-faċċati kienu jiġu mixgħula wkoll arkati tal-ħadid, pilandri u l-bqija.

Kif juri sewwa r-ritratt tal-faċċata tal-knisja tagħna kien hemm bżonn ta' numru kbir ta' tazzi. Kienu jippruvaw joħolqu disinni anke koluriti bihom stess, mal-pax u l-kuruna ta' fuqu, mal-palma tazzi ħodor u l-ġiuljuwa bojod, li hemm imnaqqxin f'nofs il-faċċata tagħna, in-nome di

Marija taħt il-fundispizju, il-ħnejjiet u l-pilandri tal-kampnari, il-pilastri maġġuri, il-fondijiet ta' taħt l-arloġġi, madwar l-istess arloġġi, il-friżu fuq kollox madwar il-bieb il-kbir. Kieku r-ritratt li għandna huwa bil-kulur, konna nkunu nistgħu naraw in-nisġa ta' ilwien mall-faċċata tal-knisja kollha.

Numru hekk kbir ta' tazzi kienu jieħdu ż-żmien biex jinxtegħlu. Għalhekk dawk l-irġiel irqaq u magħhom xi żgħażagħ inkarigati minn dan ix-xogħol biex jixgħeluhom, kien ikolhom biċċa xogħol tassew iebsa. Sewwa li inżidu ngħidlu li dan kien xogħol perikolużu ta' riskju kbir. Raġel anzjan mill-parroċċa tagħna, li kien inkarigat biex jorbot bil-ħbula t-tużell tal-festa, għadni niftakar sewwa darba x'qalli dwar min jixgħel it-tazzi. Dan ir-raġel, Ġużepp Muscat tal-Werriet qalli li billi hawn ta' Sannat, numru mdaqqas ta' irġiel kienu imdorrijin jixxabbtu minn ta' Ċenċ sal-baħar biex jaqbdu l-ħut, għalhekk xejn ma kienet ħaġa diffiċli li xi talin minnhom jiddendlu mal-ħbula biex jixgħelu dawk it-tazzi. Illum ta' Sannat hawn triq li ġġib l-isem Triq Xabbata. Din tfakkar dik id-drawwa tas-Sannatin li jixxabbtu għall-ħut.

*Kif jinxtegħlu*

Nibda biex ngħid, li kif jidher mir-ritratt in-numru ta' tazzi li jżejnu l-faċċata minn fuq s'isfel kien wieħed kbir ġmielu. U għalhekk sgur li kien hemm bżonn ta' aktar minn raġel wieħed biex jixgħelhom. Ġeneralment it-tazzi aktarx li diġa jkunu mdendlin fil-post minn qabel. Mhux f'kull raħal ikun l-istess ħaġa. Jekk le kull raġel kien ikollu tilar imdaqqas mimli tazzi mdawrin miegħu. L-ewwel iwaħħal it-tazza mal-musmar jimlieha biż-żejt u jqiegħed ġot-tazza ĊIMBLOR tal-landa wieqaf fuq tlitt saqajn. Iż-żejt ikun qiegħed ġo stanjata kbira. F'nofs dan iċ-ċimblor ikun hemm ftila ħierġa għal ġoż-żejt. Il-ftila tkun jew tat-tajjar inkella tas-suf ħalli din tixrob aktar żejt u ma tintefiex ma' l-ewwel buffura riħ.

Il-proċess li jmiss kien kif se jixgħelu it-tazzi. Għalhekk ir-raġel kien ikollu stanjata oħra biż-żennuna milwija l-isfel u din tixgħel bil-pitrolju. Biha huwa kien jixgħel il-ftejjel ta' kull tazza qabel idendilha f'postha. Biex jilħaq dawk it-tazzi kollha, r-raġel kien ukoll juża qasba jew injama irqieqa twila biex jixgħelhom. Kien ikun hemm bżonn wkoll numru ta' slielem flimkien ma' xi armar partikulari. Għalhekk dik il-lejla kienet tkun waħda ta' stennija kbira, biex hekk ħutna s-Sannatin forsi għal ftit siegħat matul sena sħiħa jaraw il-faċċata tixgħel bit-tazzi taż-żejt fil-festa ta' Santa Margerita.

*Il-Majistralata ta' Santa Margerita*

Wieħed mill-fenomeni naturali marbutin sħiħ mall-festa tagħna hija l-majjistralata ta' Santa Margerita. Għalhekk jekk dan jibda jonfoħ tal-anqas għandu madwar tlitt ijiem. Mela kien ikun hemm riskju fundat li dawn it-tazzi taż-żejt jintfew kollha u dan għaliex il-faċċata tal-knisja tagħna tħares preċiż lejn il-majjistral-tramuntana. U dak il-ferħ tant mistenni minn ħutna s-Sannatin kien jispiċċa fix-xejn. L-arċipriet Dun Andri Vella kien jafu sewwa dan, għax għamel aktar minn 50 sena arċipriet. Għalhekk ordna li it-tazzi kienu jitwaħħlu għal kenn in-naħħa tal-faċċata hekk imsejħa ta' Ċenċ. Sa ftit snin ilu l-imsiemer li magħhom kienujidendlu t-tazzi kienu għadhom jidhru.

Illum il-progress enormi ħa post dawn id-drawwiet sbieħ ta' missirijietna. Pero' sewwa li nżommu dejjem f'moħħna li ħafna minn dak li qiegħdin ingawdu għaddewhulna b'ħafna tbatija missirijietna. U dan jeħtieġ li ngħallmuh lill-uliedna billi innisslu fihom sens qawwi ta' imħabba lejn raħalna u l-istorja tiegħu. Din hija kultura għanja li jeħtieġ li tiġi mħarsa anke forsi bi tbatija.